# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 1 8 3 7

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2287/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Carmelo Mifsud**

**vs**

**Charlton Zammit ezercitanti l-kummerc bl-isem ta' Charlton's Installation**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 22 ta' Jannar 2008

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Charles Mifsud pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-30 ta' Mejju 2005, u ffirmata mill-avukat Joseph M. Sammut.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors promotorju r-rikorrent jiddikjara li huwa kien ingaggat ma' l-intimat bhala electircian, liema impieg giet terminat fl-10 ta' Mejju 2005, u dan a ghal ragunijiet li mhumiex validi skond il-ligi. Ghaldaqstant huwa talab li jigi dikjarat li l-impieg tieghu gie terminat ghal ragunijiet li mhumiex validi fil-ligi, u li jigi ordnat li huwa jigi ngaggat mill-gdid fl-impieg tieghu, u dan bl-istess kondizzjonijiet li huwa kellu, kif ukoll li tigi likwidata somma spettanti lilu bhala danni ghat-tkeccija ngusta minnu subita. Fl-istatement of case sussegwenti tieghu, ir-rikorrent elabora fuq l-ilmenti tieghu, u spjega li kien ilu ngaggat mill-intimat sena f'xoghol ta' electrician u plumber fuq postijiet

differenti, skond l-ordnijiet li kien ikollu l-intimat. F'gurnata minnhom ir-rikorrent wegga' bil-makna li thaffer it-trinek imsejha 'fekruna' u sussegwentement l-intimat biddel ix-xoghol li kien jaghti lir-rikorrent. Fl-10 ta' Mejju 2005 ir-rikorrent ma setax imur ghax-xoghol ghax kellu ugiegh f'dahru u l-ghada huwa gie infurmat li l-impieg tieghu gie terminat. Ir-rikorrent jghid li matul l-impieg tieghu huwa qatt ma inghatawlu warnings, la verbali u l-anqas bil-miktub.

Fir-Risposta tieghu tat-23 ta' Gunju 2005, l-intimat irrisponda li fl-ewwel lok u ghall-korrettezza l-impieg tar-rikorrent intemm fid-9 ta' Mejju 2005, u jghid li din it-tkeccija kienet valida fil-ligi stante li kienet bazata fuq ragunijiet ta' dixxiplina, wara li f'temp ta' sena inghata tliet warnings verabali dwar l-operat tieghu fuq ix-xoghol, il-metodu u n-nuqqas ta' hila fix-xoghol tieghu; oltre li fid-9 ta' Mejju 2005 ir-rikorrent ma rrapportax ghax-xoghol u kien biss f'nofs il-gurnata li huwa cempel biex jirrapporta li kien ser jiehu s-sick-leave. Bid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, l-intimat elabora u spjega li r-rikorrent kien gie ingaggat fis-26 ta' Mejju 2004 u kien wiehed minn diversi haddiema li l-manager ta' l-intimat iqassam fuq diversi lantijiet tax-xoghol. Jghid li huwa dejjem jinsisti ma' l-impjegati biex javvzawh mill-ewwel jekk tinqalaghlhom xi diffikulta`: leave jigi ppjanat minn qabel u sick-leave jigi rrappurtat fis-6.30 ta' fil-ghodu. Ir-rikorrent kien jaf b'dawn il-htigijiet u mexa maghhom f'kazijiet precedenti, izda dakinhar tad-9 ta' Mejju 2005 ma marx ghax-xoghol u rrapporta 'sick' f'xi l-11.00 jew il-11.30am. Jghid li dan ma kienx accettabbli u qal lir-rikorrent li kien qed ikeccih. Jghid li r-rikorrent talbu jnizzlu bhala "redundant" izda l-intimat ma accettax. Jghid li precedentement kien ta lir-rikorrent tliet warnings verbali minhabba xoghol traskurat jew perikoluz.

<u>PRELIMINARI</u>

Ghandu jinghad li l-partijiet ma waslux ghal ftehim bonarju, u ma kien hemm ebda punti legali li kellhom jigu decizi, ghalhekk il-kawza bdiet tinstema mill-ewwel fuq il-mertu.

IL-PROVI

Charlton Zammit xhed estensivaement fejn qal li jkollu bejn 12 u 18-il impjegat f'hin wiehed, u li fit-12, 13, u 14 ta' Lulju 2004 il-foreman jew project manager tieghu gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li r-rikorrent dam jahdem shaft zghir 3 ijiem. Meta l-intimat mar biex ikellmu fuq dan, ir-rikorrent irrakkontalu kif meta kien fuq xoghlu ghand Alfons tax-xorb, siehbu Saviour Agius seraq xi fliexken tax-xorb u ghaddielu tnejn minnhom. L-intimat wissa lir-rikorrent biex incidenti bhal dawn jirrappurtahom mill-ewwel u mhux ihalli l-granet jghaddu. Dan ghoddu bhala warning. Imbaghad fil-21, 22 u 23 ta' Settembru 2004 l-intimat baghat lil Mifsud fuq post f'Birkirkara biex jaghlaq ix-xoghol tad-dawl ghal certu Charlie d-Designer. Dan ilmenta ma' l-intimat li hariglu hafna ilma minn pajp fuq il-bejt. L-intimat innota li kien ir-rikorrent li ma wahhalx il-pipe skond is-sengha u l-arti, u imbaghad innota wkoll li fil-washroom ma kienx hemm switch. L-intimat ikkonkluda li ghalkemm ir-rikorrent qallu li kien iccekkja s-sistema kollha, dan ma setax kien il-kaz ghax kieku kien jinduna b'dawn in-nuqqasijiet. L-intimat ghadd dan bhala t-tieni warning. Imbaghad darba ohra r-rikorrent intbaghat b'xoghol ghand il-Go-Mobile u ghax ma kellux wire ahmar wahhal wire iswed kemm fil-"live" u kemm fin-"neutral". Tal-Go-Mobile innutaw dan u kienu rrabjati hafna. L-intimat wissieh li darba ohra jitkecca, u dan ghaddu bhala t-tielet warning. Imbaghad wasal l-incident mertu tat-tkeccija fejn ir-rikorrent kien ma jiflahx u nforma lill-intimat b'dan f'xi l-11.30 ta' fil-ghodu. Ir-rikorrent spjegalu li huwa kien qed jipprova jgib it-tabib tieghu biex jghidlu kienx tajjeb ghax-xoghol. L-intimat m'accettax din l-ispjega u kecca lir-rikorrent mix-xoghol. L-intimat talbu jnizzel fil-formola ta' l-E.T.C. li waqqfu mix-xoghol minhabba nuqqas ta' xoghol, izda l-intimat irrifjuta ghax dan ma kienx minnu.

Fiona Zammit Gauci, mart l-intimat, spjegat kif hi taghmel ix-xoghol klerikali ta' Charlton Installation u tiehu hsieb it-telefonati. Ikkonfermat li fil-jum tat-tkeccija ta' Charles Mifsud, dan ma kienx cemplilha biex jinfurma li kien ma

jiflahx. Tikkonferma li l-haddiema kienu kollha avvzati jcemplu kmieni sa xi s-6.30 ta' fil-ghodu sew biex jitqassam ix-xoghol skond ic-cirkostanzi u sew biex jigi avvzat it-tabib taghhom Dr Deo Debattista li wara t-8.30 imur izur lill-impjegati li jirrappurtaw "sick". Xi jiem wara t-tkeccija ppreparatlu l-formola tat-tmiem ta' l-impieg u r-rikorrent ma riedx jiffirmaha ghax ried li fuqha jitnizzel li l-impieg tieghu gie terminat minhabba nuqqas ta' xoghol. Hija tirrakkonta wkoll kif f'April 2005 il-project manager Pierre Camilleri infurmaha li Charles Mifsud u ibnu Nigel, li kien dahal jahdem maghhom ghal zmien qasir, qalulu li ma kienux ser jidhlu ghax-xoghol l-ghada kif ftehmu, u kien biss wara li hi wissiethom li ser jitkeccew li accettaw li jidhlu.

Ir-rikorrent ittella' in subizzjoni u kkonferma li f'kazijiet precedenti kien avvza li kien ma jiflahx fis-7.00 ta' fil-ghodu, izda fil-jum li tkecca m'avvzax qabel ma gie jinvistah it-tabib. Huwa jghid li fid-9 ta' Mejju 2005 bdielu ugiegh f'dahru u l-ghada 10 ta' Mejju iddecieda li ma jmurx ghax-xoghol. Invistah Dr Adrian Vassallo u c-certifikat li rrilaxxalu kien fih xi zball jew zbalji. Ghalhekk ir-rikorrent rega' sejjah lit-tabib l-ghada biex jikkoregi dawk l-izbalji, u t-tabib gie u kkoregihom.

Carmel Vassallo xhed b'affidavit dwar incident f'post Birkirkara fejn Charlton Zammit baghat lil Charles Mifsud jahdem id-dawl u l-ilma. Fil-waqt li Mifsud ikkonferma li kollox kien lest, Vassallo sab li kien hemm diversi leakages ta' ilma, u sahansitra wires mikxufin; ilmenta ma' Charlton Zammit u l-affarijiet ittrangaw. Pierre Camilleri xhed li kien project manager iqassam ix-xoghol: dwar ir-rikorrent jghid li dan la kien tajjeb hafna u l-anqas hazin hafna, u ma kienx ihobb jidhol ghall-overtime. Hadem mieghu fuq progett f'Bugibba fuq binja Vellavista. Kien hawnhekk li r-rikorrent kellu jirrapporta ghax-xoghol fl-10 ta' Mejju 2005, u ma tfaccax, sa ma cempillu f'xi l-11.00 jew il-11.30 biex jghidlu li kien ma jiflahx. Ir-rikorrent intalab u pprometta li jipprezenta ic-certifikat mediku originali li kien hariglu t-tabib. Gorg Ronayne ikkonferma li bhala impjegat Charlton kien jesigilu li jirrapporta sick sas-6.30 ta' fil-ghodu, u meta jigri hekk jintbaghtilhom it-tabib.

Imbaghad ir-rikorrent xehed minn jeddu permezz ta' affidavit u affidavit ulterjuri. Huwa jichad li kien jaghmel xogholijiet hziena, u jghid li meta kien jinstab xoghol hazin, kien ikun hemm haddiema ohra fuq il-lant tax-xoghol u ma kienx ikun hu li ghamel ix-xoghol hazin. Huwa jichad li qatt qala' warnings, u anzi jghid li kienu jfahhruh ghal xogholu. Jinsisti li anke Charles, tal-post ta' Birkirkara, kien sodisfatt bix-xoghol li sar. Dwar l-akkuzi maghmula mill-intimat li Mifsud kien jitlaq kmieni mix-xoghol u ma jahdimx overtime, huwa jispjega li martu kienet marida fit-tul u kien jiehu hsieb hafna affarijiet hu, u Charlton Zammit kien jaf b'dan. Meta kien jitlaq kmieni kienet titnaqqaslu l-paga. Jghid li wara li kien iddahhal is-Sibt overtime Charlton Zammit kien gie jiskuza ruhu u qallu li kien nesa bis-sitwazzjoni ta' martu. Dwar il-jum tat-tkeccija jikkonferma li ma cempilx qabel il-11.00 ta' fil-ghodu, cioe wara li nvistah it-tabib tieghu. Jghid li tant baqa' mugugh b'dahru li kellu johrog boarded out. Jghid li l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol laqghetlu l-appell u ppermettietlu jirregistra. Dwar l-incident ghand Fonzu tax-xorb, ir-rikorrent jghid li l-ghada stess li siehbu seraq 4 fliexken whiskey, huwa ghadda z-zewg fliexken li kien tah Agius lil Charlton Zammit, u dan irringrazzja u ma tah ebda warning.

Nigel Mifsud jichad li missieru qatt inghata warning. Dwar l-overtime li kienu imgieghela jaghmlu s-Sibt meta hu u missieru kienu jkunu jridu jaghmlu xoghol id-dar, huwa jichad li li kienu avvzati bl-overtime jiem qabel, u jghid li marru ghall-overtime ghax gew mhedda minn Fiona Zammit Gauci li jitkeccew. Ikkonferma li Charlton imbaghad skuza ruhu ghax kien nesa bis-sitwazzjoni d-dar taghhom. Dottor Adrian Vassallo ikkonferma li hareg certifikat mediku lir-rikorrent minhabba ugiegh f'daharu. Jikkonferma li kien ha zball fid-data ta' l-ezami mediku fejn kiteb in-numru 8 flok 10, u jikkonferma li l-ghada cempillu minhabba dan l-izball u mar jirrangahulu. Ikkonferma wkoll li r-rikorrent baqa' jbaghti b'daharu minn zmien ghal zmien. Ikkonferma li huwa genwinament emmen lir-rikorrent li kien mugugh b'dahru. Dwar il-hin li invista lir-rikorrent qal li ma kienx cert, izda aktarx li mhux bejn

id-9.30 u nofsinhar ghax normalment dak il-hin ikun il-klinika. Fuq suggeriment ta' l-avukat ta' l-intimat li l-ahhar data tax-xoghol kienet is-7 ta' Mejju, Dottor Vassallo jichad li kien hemm korrezzjoni anke ta' din id-data. In kontroezami l-intimat ikkonferma li fl-incident ta' Fonzu tax-xorb huwa ta warning lir-rikorrent ghax ma qallux mill-ewwel. Jispjega li fix-xoghol fuq il-post ta' Birkirkara r-rikorrent veru kellu nies ohra jahdmu mieghu, izda hu kien responsabbli ghalihom.

## KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ihoss li l-intimat kellu ragunijiet ghalxiex ma jkunx kuntent bil-prestazzjoni tar-rikorrent, u meta fl-10 ta' Mejju 2005 ir-rikorrent naqas li javvza li ma kienx sejjer ghax-xoghol, l-intimat hass li l-impieg kellu jigi tterminat. Biex tigi gustifikata aktar din it-tkeccija, l-intimat qabad ma incidenti partikoari u sejhilhom warnings, u ikkritika lill-istess rikorrent ghal nuqqas ta' produttivita`. Dwar l-ewwel allegat warning dan it-Tribunal ihoss li l-incident gie minfuh mill-intimat: jekk huwa ried jirrinfaccja lil Agius bis-serq tal-fliexken, huwa dejjem setgha kellmu u qallu li waslitlu informazzjoni li Fonzu gie misruq, minghajr ma jimplika lil Mifsud. Dwar li r-rikorrent kien jitlaq kmieni, huwa jghid li kien jitnaqqaslu mill-hlas tieghu, haga li la giet imsemmija u l-anqas michuda mill-intimat. Dwar l-overtime li r-rikorrent kien jirrifjuta li jaghmel minhabba s-sitwazzjoni tal-mara tieghu li kienet marida fit-tul, ma jidhirx li din qed tigi kkontestata mill-intimat, u f'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal ihoss li l-intimat kien dizonest fl-insistenza tieghu li jikkritika lir-rikorrent talli ma jaccettax overtime, u dan anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Fl-ahhar sottomissjoni mressqa mill-avukat ta' l-intimat issir referenza ghall-kontroezami ta' Dr Vassallo fejn f'pagna 17 Dr Vassallo jaqbel li n-numru 10 inbidel f'16: huwa evidenti li Dr Vassallo ma fehemx id-domanda in vista ta' dak li xhed ftit qabel, oltre li huwa evidenti wkoll minn dokSZ1 (folio 142) li s-'6' huwa miktub b'tidwira kontra l-arlogg,

mentri z-zerojiet kollha fuq l-istess certifikat huma miktuba b'tidwira favur l-arlogg. L-allegazzjoni ta' l-intimat hija hawnhekk assolutament infondata.

Madankollu dan it-Tribunal japprezza wkoll li x-xoghol ta' plumbing u electrical installations huwa delikat u jgorr hafna responsabbilta`. Xoghol li jsir hazin jista' jikkawza danni kbar u jista' jkun ta' periklu ghas-sahha tan-nies. Jidher li madankollu r-rikorrent ma tantx kien japprezza r-responsabbilta` ta' xogholu. Fl-incident tal-post ta' Birkirkara, fejn l-intimat jallega li hareg it-tieni warning, ir-rikorrent jipprova jahrab mir-responsabbilita` tieghu billi jghid li kien hemm nies ohra jahdmu, meta imbaghad irrizulta li dawn in-nies kien responsabbli ghalihom hu. Anke x-xhud Carmel Vassallo ikkonferma li r-rikorrent kien responsabbli minn dawk ix-xogholijiet li kienu difettuzi minn hafna bnadi. Fl-incident tal-Go-mobile, fejn l-intimat jallega li hareg it-tielet warning, ir-rikorrent rega' wera irresponsabbita' kbira meta wire 'live' ghamlu iswed flok ahmar sempliciment ghax dak il-hin ma kellux wire ahmar. Ir-rikorrent certament jaf li dan in-nuqqas tieghu seta' fisser jew il-hajja ta' xi persuna, jew hsarat meta haddiema ohra jahsbuh 'neutral'. Anke fl-incident li wassal ghat-tkeccija, ir-rikorrent were irresponsabbilta' lejn il-kumpanija li jahdem maghha billi halla lil kulhadd lampa stampa. L-unika raguni li gab ghal dan in-nuqqas tieghu kien li qaghad jistenna lit-tabib tieghu. Din ir-raguni ma tiggustifikahx li ma javzax lil ta' fuqu f'hin tajjeb biex jaghmlu arrangamenti tax-xoghol u jibghatu t-tabib taghhom. L-irresponsabbilta tar-rikorrent kienet qed tqieghed lill-intimat fi stat li qatt ma jista' jkollu mohhu mistrieh mis-servizz tar-rikorrent. Ghandu jinghad ukoll li dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrent talab re-instatement jekk l-ugiegh f'dahru baqa' jippersisti tant li hareg boarded-out.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent bhala wahda gustifikata u

valida fil-ligi. Ghal dak li jirrigwarda drittijiet ai termini ta' l-artikolu 79 tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Ewro (€93.00), ghad-difensur ta' kull parti.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman